**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J Fenech)**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**Vs**

**Christian Said**

**Kump Nru: 805/14**

Illum 8 ta' Marzu 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christian Said ta' 31 sena, imwieled Pieta' fis-17 ta' Mejju 1983, bin Michael u Emanuela nee' Sciberras, residenti Nru 30, Flt 2 Triq Mater Boni Consilii, Blokk A1, Fgura u detentur ta' karta tal-identita' 103884(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Lulju 2014 b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Minn gewwa z-Zurrieq, ikkommetta serq ta' diversi kannestri tal-haxix u oggetti ohra, liema hwejjeg ma jiswewx iktar minn €232.94, ghad-dannu ta' Joseph Sammut miz-Zurrieq, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin;

2. Minn gewwa z-Zurrieq, ikkommetta serq ta' diversi kannestri tal-haxix liema hwejjeg ma jiswewx iktar minn €232.94, ghad-dannu ta' Saviour Formosa miz-Zejtun, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok;

3. Minn gewwa Hal Safi, ikkommetta serq ta' diversi kannestri tal-haxix, liema hwejjeg ma jiswewx iktar minn €232.94, ghad-dannu ta' Paul Cachia minn Hal Safi;

4. Minn gewwa l-Mqabba, ikkommetta serq ta' diversi kannestri tal-haxix, liema hwejjeg ma jiswewx iktar minn €232.94, ghad-dannu ta' Mario Scicluna mill-Mqabba, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-hin u xorta tal-haga misruqa;

5. Minn gewwa z-Zurrieq, ikkommetta serq ta' divesi kannestri tal-haxix, liema hwejjeg ma jiswewx iktar minn €232.94, ghad-dannu Edith Sacco miz-Zurrieq;

6. Fl-istess zminijiet u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Il-Qorti hija gentilment mitluba tittratta mal-imputa bhala wiehed li kiser kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta moghtija mill-Magistrat Dr M A Farrugia LLD fil-11 ta' Jannar 2013.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkomtemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata m'ghandha l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'diversi serqiet fix-xahar ta' Lulju 2014 liema serqiet ghalkemm saru fi zminijiet differenti jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew allegatament maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

L-Ispettur Melvyn Camilleri[1] xehed dwar kif il-pulizija identifikat lill-imputat u persuna femminili billi kienet rat il-filmat provdut minn Joseph Sammut. Kien hemm rapport ohra fl-istess perjodu mill-area taz-Zurrueq, Imqabba u Zejtun. Indunaw li kien hemm l-istess *modus*

[1] Seduta tal-4 ta' Novembru 2015

*operandi* u ghalhekk ingabru r-rapporti kollha fosthom rapport minn Oasi Greengrocer li kien irrapporta fit-2 ta' Awwissu 2014 u kienu inghataw CCTV minn sid il-hanut li kien juri karozza blu skura u minnha jidhru johorgu tfajla u guvni li meta tqabblu mac-CCTV ta' Joseph Sammut huma l-istess persuni.

Kien hemm imbaghad rapport iehor fit-28 ta' Lulju 2014 u ghalkemm il-gar tieghu ma riedx itih ic-CCTV gabilhom registrazzjoni numru ta' karozza blu skura tal-ghamla Vauxhall KEV 113.

L-ghada twettqet serqa ohra mill-hanur 'Frutta e Verdura' fiz-Zurrieq fejn ukoll ittiehdu 20 kaxxa tal-haxix. Kien hemm mara li rat din is-serqa u kien gie rrappurtat li l-karozza kienet tal-ghamla Vauxhall blu skura u l-kellha l-windscreen ta' wara nieqes. Din il-karozza kienet tidher f'CCTVs ohra.

Jirrizulta mill-atti li l-karozza bin-numru tar-registrazzjoni KEV 113 li hija tal-ghamla Opel Corsa kulur blu hija proprjeta' tal-imputat sa minn Gunju tas-sena 2014.

L-Ispettur Johann Fenech xehed[2] fuq l-istess linja tal-ufficjal prosekutur l-iehor. Huwa xehed li mit-tfittxijiet li saru fid-dar tal-imputat ma rrizulta xejn illegali.

**L-ewwel imputazzjoni**

L-imputat qieghed jigi akkuzat li seraq miz-Zurrieq diversi kannestri tal-haxix u oggetti ohra ghad-dannu ta' Joseph Sammut liema serq huwa aggravat bil-hin.

PS 1434 Mario Mercieca[3] xehed li fit-22 ta' Lulju 2014 ghall-habta tal-11.30a.m mar jirrapporta l-Ghassa taz-Zurrieq Joseph Sammut li ghandu hanut bl-isem 'Fielder Market' fi Vjal ix-Xarrolla, Zurrieq li xi persuni mhux maghrufa hadulu xi kannestri bil-haxix li kellu fil-parapett tal-

[2] Seduta tas-17 ta' Novembru 2014
[3] Seduta tas-17 ta' Novembru 2014

hanut. Huwa kellu l-filmati tac-CCTV minn fejn ra zewg persuni jehdulu l-haxix u huwa l-istess Sammut ghadda l-filmat lill-pulizija[4].

Joseph Sammut[5] xehed li ghalkemm huwa ma jiftakarx id-data u x-xahar huwa kkonferma li gie misruq matul il-lejl mill-hanut li jmexxi huwa Fielder Market billi l-haxix gabuhulu filghaxija fit-tard u meta mar filghodu biex jiftah il-haxix ma sabux. Huwa sab seba' kaxxi hodor neqsin li l-valur taghhom huwa madwar €5 il-wahda u kellu madwar €70 haxix. Huwa kkonferma wkoll li ta l-filmat tac-CCTV tieghu lis-Surgent tal-Ghassa.

Illi inkwantu ghac-CCTV[6] ezebit jidhru li zewg persuni, ragel u mara ghall-habta tat-03.52 marru fil-parapett tal-hanut u bdew igorru kannestri bil-haxix fihom. Minn dan il-filmat u mill-istills jirrizulta ampjament ghaliex jintgharaf sew tenut kont li l-korporatura tal-gisem hija l-istess li l-imputat kien wiehed mill-persuni li kkommettiet din is-serqa.

Il-kwalifika tal-hin hija ghalhekk ippruvata wkoll.

Inkwantu ghas-sottomissjoni tad-difiza waqt it-trattazzjoni li Joseph Sammut ma ftakarx bi precizjoni d-data u x-xahar tas-serqa dan ma jwassalx ghal-liberatorja ghaliex jirrizulta mir-rapport tal-pulizija meta s-serqa twetteqt u kif ukoll mill-filmat.

**It-tieni imputazzjoni**

L-imputat qieghed jigi akkuzat li seraq miz-Zejtun diversi kannestri tal-haxix ghad-dannu ta' Saviour Formosa liema serq huwa aggravat bil-lok.

PS 639 Jean Mangion[7] xehed li fil-25 ta' Lulju 2014 certu Saviour Formosa mar jirrapporta l-Ghassa taz-Zejtun li sab madwar 12-il kaxxa hadra neqsin. Dawn kienu jiswew madwar €7 il-wahda. Ix-xhud xehed li meta marru fuq il-post raw li ma kienx hemm cameras mal-madwar.

[4] Rapport ezebit bhala Dok MM1
[5] Seduta tal-15 ta' April 2015
[6] Dok JF 1
[7] Seduta tas-17 ta' Novembru 2014. Ix-xhud esebixxa wkoll rapport li gie mmarkat Dok JM 1 a fol 63 tal-process

Saviour Formosa[8] jikkonferma li kien ghamel zewg rapporti l-Ghassa taz-Zejtun billi kienu nsterqulu 12-il kaxxa tal-pitkali hodor minn quddiem il-bieb tal-garaxx proprjeta′ tal-familja tieghu. Dawn kienu fuq barra. Imbaghad kienu nsterqulu madwar 33-il kaxxa hadra ohra minn gol-garaxx u dahlu billi l-bieb kien miftuh. Dawn il-kaxxi jiswew bejn €5 u €7 il-wahda.

Inkwantu ghal din is-serqa din il-Qorti ma tqisx li l-Prosekuzzjoni lahqet il-grad tal-prova rikjest mil-ligi biex l-imputat jinsab hati taghha. Huwa minnu li nsterqu kannestri izda m′hemm l-ebda prova ohra li tallaccja l-imputat mas-serqa.

**It-tielet imputazzjoni**

Illi l-imputat jinsab akkuzat li seraq diversi kannestri tal-haxix minn Hal Safi ghad-dannu ta′ Paul Cachia.

PS 639 Jean Mangion[9] xehed li fit-2 ta′ Awwissu 2014 Paul Cachia mar jirrapporta l-Ghassa taz-Zurrieq li fis-26 ta′ Lulju 2014 ghall-habta ta′ 14:00 hrs waqt li kien qieghed fil-green grocer tieghu f′Hal Safi innota vettura tieqaf u tghabbi xi kannestri hodor. B′kollox ghabbiet madwar 9 kannestri u kaxxa ohra blu li tintuza′ ghal mushrooms. Huwa kien qallu li ma kienx ra n-number plate tal-karozza. Aktar tard iccekja fuq il-cameras tieghu u kien hadilhom kopja.

Paul Cachia[10] ikkonferma li mar jaghmel rapport li sab kaxxi neqsin tal-pitkalija minn quddiem il-hanut tieghu Oasi Green-Grocer. Dawn il-kaxxi jiswew madwar €7 –il wahda. Insterqu hdax-il kaxxa ta′ kulur ahdar u wahda ta′ kulur. Huwa ra l-filmat u ra mara bjonda hierga mill-karozza min-naha tal-passiggier u titfa′ l-kaxxi gon-naha tal-bagoll. Il-vettura kellha l-hgiega ta′ wara nieqsa.

[8] Seduta tal-21 ta' Marzu 2016
[9] Seduta tas-17 ta' Novembru 2014. Ix-xhud esebixxa wkoll rapport li gie mmarkat Dok JM 2 a fol 66 tal-process
[10] Seduta tat-18 ta' Jannar 2016

Illi mir-rapport tal-espert nominat inhargu stills mic-CCTV ezebit[11]. Mill-istills u mill-filmat tidher il-mara li tissemma u tidher ukoll karozza bla li donnha l-hgiega ta' wara hija nieqsa. In-numru tar-registrazzjoni tal-karozza huwa pjuttost imzelleg u ghalkemm huwa evidenti li l-karozza ma nstaqitx wahedha u li fil-fatt il-mara li tidher fuq dan il-filmat hija l-istess li tidher fuq il-filmat l-iehor ezebit in atti (li jappartjeni lis-serqa ghad-dannu ta' Joseph Sammut) u li dakinhar kienet akkumpanjata mill-imputat ma jwassalx ghal sejbien ta' htija li fis-serqa in dezamina kien l-imputat li kien qieghed isuq il-karozza. Hadd ma identifika li kien l-imputat li kien qieghed isuq il-karozza f'liema eventwalita' kien ikun komplici tas-serqa.

Ghaldaqstant l-imputat se jigi lliberat minn tali imputazzjoni.

**Ir-raba' imputazzjoni**

L-imputat jinsab ukoll akkuzat b'serq ta' diversi kannestri tal-haxix minn gewwa l-Imqabba ghad-dannu ta' Mario Scicluna liema serqa kienet ikkwalifikata bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

PS 1434 Mario Mercieca[12] xehed li fit-28 ta' Lulju 2014 kellu rapport iehor ghall-habta tad-9.30p.m fl-Ghassa minn certu Mario Scicluna li rrapporta li hadulu madwar 25 kannestru tal-haxix vojta mill-vettura tieghu b'registrazzjoni numru CBA 646 li kienet ipparkjata gewwa Triq Mikelina Galea fl-Imqabba. Il-valur ta' tali kannestri kien madwar €250. Qalilhom ukoll li kien ra filmat minn CCTV tal-gar tieghu fejn ra zewg persuni li hadulu l-kannestri li kienu mara u ragel u dawn haduhomlu ghall-habta tan-nofs siegha ta' filghodu.

PS 639 Jean Mangion[13] xehed li l-gar inkwistjoni ma kienx ghadda l-filmat izda kien tahom informazzjoni li kienet dehret in-number plate tal-karozza li fiha kien hemm il-persuni li hadu l-kannestri liema registrazzjoni numru kien KEV 113.

[11] A fol 153 et seq tal-process
[12] Seduta tas-17 ta' Novembru 2014
[13] Seduta tas-17 ta' Novembru 2014

Mario Scicluna[14] xehed li huwa kien mar jaghmel rapport fl-GHassa taz-Zurrieq ghaliex kienu nsterqulu madwra 25 kaxxa mill-vann li jiswew madwar €10-il wahda. Il-vann kien ipparkjat quddiem id-dar tieghu fl-Imqabba. Ix-xhud mar jara c-CCTV recording tal-gar tieghu u xehed li ra mara tiehu l-kaxxi u kien hemm jakkumpanjaha ragel jnewlilha l-kaxxi izda wick dan ir-ragel ma deherx. Il-vann uzat minnhom kellu l-hgiega ta' wara maqlugha u kien vann blu. In-numru tar-registrazzjoni tal-vettura ma rahx.

Illi abbazi tal-provi prodotti rigwardanti din l-imputazzjoni wkoll ma jistax jigi konkluz li kien l-imputat li wettaq din is-serqa jew altimenti kien komplici f'tali serqa. L-ahjar prova ossija c-CCTV ma giex ezebit u l-fatt biss li nsterqu l-kannestri u li kien hemm mara tisraq u li intuza' vann blu mhux bizzejjed ghal sejbien ta' htija.

**Il-hames imputazzjoni**

L-imputat jinsab akkuzat li huwa seraq diversi kannestri tal-haxix ghad-dannu ta' Edith Sacco miz-Zurrieq.

PS 1227 Malcolm Pace[15] xehed li fid-29 ta' Lulju 2014 ghall-habta ta' nofsinhar marret tirrapporta fl-Ghassa taz-Zurrieq certu Edith Sacco proprjetarja tal-hanut tal-haxix 'Frutta e Verdura' li xi hadd kien serqilha madwar 20 kaxxa vojta tal-haxix minn barra l-hanut taghha. Il-valur totali ta' dawn il-kaxxi kien madwar €140. Edith Sacco marret l-ghassa aktar tard u nfurmathom li ommha Antoinette Cassar fil-hin li nsterqu l-kaxxi kienet ghand il-hairdresser u qalet li rat vettura tal-ghamla Nova ta' kulur blu liema vettura kellha l-windscreen ta' wara nieqes u fil-vettura rat mghobbija diversi kaxxi hodor tal-haxix. Fit-2 ta' AAwissu 2014 mar ir-ragel ta' Edith Sacco, John Sacco, u qalilhom li mara li xtaqet tibqa' anonima qaltlu li kienet rat vettura blu skura minghajr windscreen ta' wara ghaddejja miz-Zurrieq u n-numru tar-registrazzjoni kien KEV 113.

[14] Seduta tal-4 ta' Novembru 2015
[15] Seduta tas-17 ta'

Edith Sacco[16] ikkonfermat ir-rapport maghmul minnu li nsterqulha bejn 15 u 20 kaxxa tal-haxix li kienu barra quddiem il-hanut taghha Frutta e Verdura. Dawn jiswew madwar €7 il-wahda. Hija ddikjarat li ma kellhiex cameras.

Antoinette Cassar[17] xehdet li bintha cemplitilha u stqasietha jekk missierha kienx hbielha l-kannestri biex jiccajta u hija qaltilha li le. Waqt li x-xhud kienet ghand il-hairdresser u sakemm qeghda tkellem lil bintha rat karozza ghaddejja blu skura u minghajr hgieg wara mimlija kaxxi bil-kannestri. Hija ma haditx in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura. Hija rat mara hierga mill-vettura izda ma tatx kaz min kien qieghed isuq l-istess karozza.

Illi abbazi tal-provi prodotti rigwardanti din l-imputazzjoni wkoll ma jistax jigi konkluz li kien l-imputat li wettaq din is-serqa jew altimenti kien komplici f'tali serqa.

**Is-sitt imputazzjoni**

Illi din l-imputazzjoni inghatat evidentement bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet tas-serq.

**Ksur Ordni ta' Probation**

Illi giet ezebita in atti vera kopja fotostatika tas-sentenza li inghatat fil-11 ta' Jannar 2013 fil-konfront tal-imputat odjern. Il-konnotati f'din is-sentenza huma identici ghall-konnotati tal-imputat odjern.

Permezz ta' din is-sentenza l-imputat kien tpogga taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin u f'dawk il-proceduri kien fuq ammissjoni tieghu stess instab hati ta' pussess tad-droga erojina u methadone.

---

[16] Seduta tal-15 ta' April 2015
[17] Seduta tal-15 ta' April 2015

In vista li l-imputat instab hati ta' serq fil-proceduri odjerni u li tali serq twettaq fil-perjodu operattiv tal-probation ifisser li l-imputat se jinstab hati ta' ksur tal-ordni ta' probation.

Il-kwistjoni li jifdal allura hija jekk din il-Qorti ghandhiex titratta mal-imputat ghal tali ksur. Din il-Qorti tqis li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz m'ghandhiex titratta mal-imputat ghal dawk l-imputazzjonijiet fis-sentenza tal-11 ta' Jannar 2013.

Illi inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li qieghed jinstab hati tieghu, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali tal-imputat li mhiex wahda allarmanti u minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu problema tal-vizzju tad-droga. Waqt dawn il-proceduri l-imputat beda jipprova jeghleb il-vizzju. Ma rrizultax jekk il-vizzju ghelbux izda proprju biex jeghleb dan il-vizzju l-Qorti se tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(f), 270 u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni kif ukoll hati wkoll li kiser kundizzjoni tal-Ordni ta' Probation moghti lilu fil-11 ta' Jannar 2013, filwaqt li ma ssibux hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u inkwantu ghas-sejbien ta' htija tal-ewwel imputazzjoni bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tmintax-il xahar millum skont il-kundizzjunijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti taghzel li ma titrattax mal-hati ghal ksur tal-Ordni ta' Probation.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €274.94 rapprezentanti hlas ta' espert nominat.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**